## QORTI TA' L-APPELL
## IT-TIENI PARTI
## L-EWWEL SEZZJONI

**16 ta' Jannar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Amelia Farrugia

*versus*

John Farrugia

### Eċċezzjoni ta' *Res Judicata* - Elementi

*Biex tintlaqa' l-eċċezzjoni ta'* res judicata *hemm bżonn li jissussistu flimkien tlett elementi, ċjoe'* eadem personae, eadem res, *u* eadem causa petendi; *jiġifieri s-sentenza ta' qabel tkun ingħatat f'kawża bejn l-istess persuni, magħmula għall-istess oġġett, u fuq l-istess kawżali.*

*Kien ritenut li hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-meritu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess.*

*Ġudikat għandu jkun rispettat minn kulħadd, u bir-rispett kollu dovut lil-Ewwel Onorabbli Qorti, s-sentenza appellata tippekka proprju g'aliex prattikament injorat dan il-ġudikat li għalih irreferiet l-konvenut fl-*

*eċċezzjoni tiegħu.*

Il-Qorti:-

Fl-4 ta' Lulju, 1995 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ippronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'sentenza tal-21 ta' April, 1983 fil-kawża fl-ismijiet **Amelia mart l-istess John Farrugia minnu legalment separata** ***vs*** **John Farrugia** (Ċitazz. nru. 1144/80H) dina l-Qorti ordnat illi s-somma ta' ħdax-il lira Maltija u disgħin ċenteżmu (Lm11.90) titħallas kull ġimgħa mis-salarju ta' l-istanti direttament lil martu mill-*Accountant General*;

U premess illi minn dak iż-żmien iċ-ċirkostanzi tal-konvenut tbiddlu għall-aħjar;

Premess illi l-attriċi qiegħda litteralment tgħix f'ċirkostanzi pjetużi stante li żewġha l-konvenut qatt ma ħallas sold manteniment;

Talbet li din il-Qorti:

Tirrivedi l-pensjoni alimentarja li ġiet stabbilita b'sentenza tal-21 ta' April, 1983 u dan minħabba bdil fiċ-ċirkostanzi tal-konvenut;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess attriċi u l-lista tax-xhieda minnha ndikati;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eċċepixxa illi t-talba attriċi kellha tiġi respinta stante li permezz tas-sentenza tal-15 ta' Ġunju, 1988 kien ġie deċiż li sakemm l-esponent jibqa' disokkupat (kif għadu sal-lum) l-obbligazzjoni tiegħu għall-manteniment tiġi sospiża; inoltre l-kondizzjoni tiegħu ppeġġorat *mill-1983 sal-lum minħabba* l-mard li għandu; għamel ukoll riserva għall-eċċezjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semgħet liż-żewġ partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;

Semgħet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat il-pensjoni illi qiegħed jirċievi l-istess konvenut tifhem illi dina għandha tiġi diviża bejn iż-żewġ kontendenti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tvarja

l-ammonti u l-modalitajiet li preċedentement kienu ġew stabbiliti minn din il-Qorti f'kawża oħra bejn il-kontendenti, tordna li l-konvenut bħala kontribwit għall-manteniment ta' martu jħallas lill-attriċi nofs kull pensjoni jew *bonus* li huwa jirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u tordna ukoll *ai termini* ta' l-artikolu 382 (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-istess nofs għandu jiġi mnaqqas mill-pensjoni dovuta lill-konvenut u mħallsa direttament lill-attriċi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut;

*Omissis*;

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka tagħha u ċaħda tat-talbiet ta' l-attriċi bl-ispejjeż;

L-attriċi appellata, min-naħa l-oħra, talbet li s-sentenza appellata tiġi kkonfermata;

Irriżulta li l-kontendenti konjuġi Farrugia ilhom ħafna żmien legalment separati minn xulxin u li kien hemm is-segwenti sentenzi li jirregolaw il-kwistjoni ta' l-alimenti:

17 ta' Jannar, 1972: Sentenza li biha l-appellant ġie kkundannat iħallas lill-appellata alimenti ta' Lm2.50 fil-ġimgħa;

21 ta' April, 1983: Ir-retta alimentari ta' l-appellata ġiet awmentata għas-somma ta' Lm11.90 fil-ġimgħa (fol. 10 *et seq*);

15 ta' Ġunju, 1988: Il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-appellant li s-sentenza tal-21 ta' April, 1983 tkun esegwibbli (u li s-somma ta'

Lm11.90 fil-ġimgħa tkun allura dovuta lill-appellata) biss jekk l-appellant ikun impjegat (fol. 29 *et seq*);

Irriżulta li l-appellata kienet tgħix bl-għajnuna li kienet tirċievi mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Pero' wara xi żmien anke din l-għajnuna ġiet imwaqqfa u l-appellata ġiet diretta minn dan id-Dipartiment biex tipproċedi b'kawża kontra żewġha li kien qiegħed jirċievi mill-istess Dipartiment pensjoni ta' l-invalidita';

Illi bil-kawża odjerna l-appellata, wara li għamlet referenza għas-sentenza tal-21 ta' April, 1983 u wara li rrilevat li hija qiegħda tgħix f'ċirkostanzi pjetużi u li ċ-ċirkostanzi ta' l-appellanti tbiddlu għall-aħjar, hija talbet li l-Qorti tirrivedi l-pensjoni alimentari li ġiet stabbilita bl-imsemmija sentenza;

Illi din it-talba ġiet milqugħa bis-sentenza ta' l-4 ta' Lulju, 1995 li minnha sar appell mill-konvenut;

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat għal kollox is-sentenza imsemmija tal-15 ta' Ġunju, 1988 bejn il-partijiet. Din is-sentenza għaddiet in ġudikat u una volta l-attriċi ma ġabet ebda prova li l-esponent impjega ruħu, għadha vinkolanti bejn il-partijiet u kwindi l-obbligu tiegħu għall-manteniment naxxenti mill-kawżi imsemmija fiċ-ċirkostanzi ta' l-attriċi għadu sal-lum sospiż. Mix-xhieda mhix kontradetta ta' l-appellat irriżulta li huwa ilu bosta snin disokkupat u li l-pensjoni li jirċievi hija ta' Lm27.32 (sebgħa u għoxrin lira maltija u tnejn u tletin ċenteżmu), barra Lm1.34 (lira maltija u erbgħa u tletin ċenteżmu) *additional bonus* fil-ġimgħa;

Illi la dan irriżulta li l-appellant mhuwiex impjegat allura s-

sentenza tal-21 ta' April, 1983 ma setgħetx tiġi varjata għax is-sentenza tal-15 ta' Ġunju, 1983 tippreżenta ostakolu li dan isir, billi l-obbligu ta' l-appellant li jħallas l-alimenti sar b'sentenza li għaddiet f'ġudikat, kondizzjonat għall-eventwalita' li l-appellant ikun qed jaħdem. Effettivament dina l-eventwalita' ma rriżultax li avverat ruħha u lanqas ma ġie ppruvat li l-appellant għandu xi introjtu ieħor barra dak li jirċievi mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali;

Illi l-eċċezzjoni li ta l-appellant fil-kawża tammonta għall-eċċezzjoni tar-*res judicata*. Biex tintlaqa' eċċezzjoni bħal din, ikun hemm bżonn li jissussistu flimkien tlett elementi, ċjoe' *eadem personae*, *eadem res* u *eadem causa petendi*, jiġifieri s-sentenza ta' qabel tkun ingħatat f'kawża bejn l-istess persuni, magħmul għall-istess oġġett u fuq l-istess kawżali. Ta' min josserva hawn illi ġie ritenut (ara Kollezz. Vol. XXX-I-131) li hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-meritu tal-kawża, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess. Fis-sentenza riportata fil-Vol. XXXII-II-243 jingħad similment li:

"Huwa veru li biex jista' jiġi invokat il-ġudikat hemm bżonn l-identita' ta' l-oġġett, imma din l-identita' ma hemmx bżonn tkun assoluta; basta jkun hemm l-identita' fuq il-punt kontrovers";

Illi s-sentenza appellata sempliċement ikkummentat hekk dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant:

"Illi l-Qorti tinnota ukoll illi oltre l-imsemmija żewġ sentenzi l-konvenut kien ippreżenta kawża oħra deċiża minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fl-1988 fejn huwa talab illi, peress li huwa kien ġie *boarded out*, ma jibqagħlux aktar l-obbligu li jħallas il-

manteniment sakemm jibqa' bla impjieg";

Illi din il-Qorti tosserva li s-sentenza appellata ma rreġistratx li din it-talba tal-konvenut appellant ġiet, fil-fatt, akkolta mill-Qorti, malgradi li s-sentenza relattiva (li ngħatat fil-15 ta' Ġunju, 1988) kienet tirriżulta mill-atti proċesswali, permezz tal-kopja legali ta' l-istess sentenza li tinsab a fol. 29 *et seq* tal-proċess;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-lament ta' l-appellant huwa ġustifikat billi ma hemmx kontrast bejn il-kontendenti li dina s-sentenza għaddiet in ġudikat. B'hekk il-kontroversja bejn il-kontendenti ġiet deċiża finalment, fit-termini ta' l-istess ġudikat. Dan il-ġudikat għandu jiġi rispettat minn kulħadd u bir-rispett kollu dovut lill-Ewwel Onorabbli Qorti, s-sentenza appellata tippekka proprju għaliex prattikament injorat dan il-ġudikat li għalih irrifera l-konvenut fl-eċċezzjoni tiegħu;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell u għalhekk prevja li tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad it-talba ta' l-attriċi appellata;

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.